MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2015

Avviz Numru. 164/2014

**MTGF Limited (C 43408)**

**vs**

**Peter Abela bhala l-amministratur tal-blokk tal-appartamenti**

**'Brighton Flats', Veduta Estates Limited, Joe Vassallo,**

**Ethel Bonello, Paul u Kristina konjugi Ellul u Sam Cassar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici li gie pprezentat nhar it-8 ta’ Mejju 2014 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-bilanc dovut ta’ disat elef, mija u tlieta u sebghin ewro u tmienja u hamsin centezmu (€9,173.58), flimkien ma’ imghax, lill-attur, fir-rigward ta’ xoghol ta’ appalt u *interior design* fuq il-partijiet komuni tal-blokk tal-appartamenti maghruf bhala ‘Brighton Flats’, Triq it-Torri, tas-Sliema.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali nru. 3375/2013 datata t-30 ta’ Ottubru 2013.

Bl-imghax dekorribli skont il-ligi.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li giet ipprezentata nhar il-11 ta’ Gunju 2014 li permezz taghha eccepew is-segwenti:

1. *“Illi t-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha.*
2. *Qabel xejn, l-attrici ghandha tipprova r-relazzjoni guridika taghha ma’ kull wiehed mill-eccepjenti u l-interess guridiku fit-talba mressqa minnha fil-konfront ta’ kull wiehed minnhom.*
3. *Fil-mertu u f’kull kaz, l-eccepjenti ma ghandhom ihallsu xejn lis-socjeta’ attrici.*

*Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.”*

**Michael Trapani Galea Feriol** xehed fit-8 ta’ Ottubru 2014 fejn esebixxa l-affidavit tieghu u flimkien ma’ dan l-affidavit hemm numru ta’ dokumenti. Huwa ghadda kopja tal-istess lill-kontro parti.

Rat l-affidavit ta’ **Michael Trapani Galea Feriol** fejn iddikjara li huwa d-direttur tas-socjeta’ MTGF Limited li kienet giet inkarigata bhala *turnkey contractor* fuq progett ghar-riabilitazzjoni tal-komun u l-faccata tat-terran tal-blokk ta’ appartamenti u hwienet 126A, Brighton Flats, Triq it-Torri, Sliema. Huwa kkonferma li kien gie avvicinat minn Graziella De Cesare fil-2011 biex jaghmel ix-xoghlijiet fuq il-blokk tal-appartamenti peress illi kien ilu xi ghaxar snin jahdmilha fuq diversi progetti ohrajn u kienet taf bil-kwalita’ ta’ xoghlu. Hija kienet qaltlu sabiex imur jiltaqa’ mar-residenti sabiex jara x’tip ta’ xoghlijiet kien hemm bzonn li jsiru u jiftakar li kien iltaqa’ mal-maggoranza taghhom, fl-appartament ta’ Joe Vassallo.

Huwa spjega li n-nies li qabbduh jaghmel ix-xoghol huma Veduta Estates Limited, Joe Vassallo, Sam Cassar, Ethel Bonello, Peter u Kristina Ellul u Graziella de Cesare. Ix-xhud tenna li wara li tkellem mar-residenti kollha u qalulu x’tip ta’ xoghol rieduh jaghmel, huwa hadem fuq proposta ghax-xoghlijiet li kellhom isiru fuq il-faccata tat-terran u fuq l-entrata tal-blokk sal-lift flimkien mal-istima tal-prezz. Ftit taz-zmien wara li beda bix-xoghol miftiehem, rega’ gie avvicinat mir-residenti biex jaghmel il-faccata kollha tal-blokk. Ghalhekk huwa ghamel proposta ohra fejn inkluda x-xoghol kollu li ried isir fuq barra (tieni proposta). Fl-ahhar ir-residenti qalulu li xtaqu li jsiru l-partijiet kollha li kien ghad fadal tal-komun u ghalhekk ipprepara proposta ohra (it-tielet proposta). Din il-proposta kienet tinkludi t-tromba tat-tarag, ix-shafts, kif ukoll il-parti komuni ntern ta’ fuq il-bejt.

Ix-xhud beda jispjega fid-dettall fuq l-ewwel proposta. Huwa ddikjara li wara li kien gie avvicinat minn Graziella de Cesare biex jaghmel ix-xoghlijiet, huwa accetta li jiltaqa’ mar-residenti (ghalkemm ma jiftakarx jekk kinux kollha jew le) fl-appartament ta’ Joe Vassallo illi dak iz-zmien kien qed joqghod fl-appartament fuq l-ewwel sular biex jiddiskutu x-xoghol li huma xtaqu li jsiru. Huma kienu qalu lix-xhud li xtaqu li titranga u terga’ ssir il-faccata tat-terran tal-blokk u l-entrata kollha sal-lift. Wara li tkellem mar-residenti huwa pprepara proposta fejn inkluda x-xoghol kollu li ried isir flimkien ma’ stima ta’ kemm kien ser jiswa. Dan kien ghall-habta tal-bidu ta’ 2012. Dawk ix-xoghlijiet li ftehmu li kellhom isiru fuq in-naha ta’ barra tat-terran kienu s-segwenti:

a. Xoghol ta’ tiswija u kisi fuq il-hajt fejn kien inqasam u setghat tidhol l-ilma;
b. Tiswija fuq il-lavur (mouldings) li kienu ttieklu tkissru jew sparixxew bl-umdita’ u l-melh tal-ilma tal-bahar;
c. Xoghol ta’ gebel u kisi fuq il-bicciet tal-hajt li kienu tmermru; u
d. Kisi fuq il-hajt kollu bil-graffiato.

Ix-xoghol li kellu jsir fl-entratura tal-blokk kienu s-segwenti:

e. Jitnehha lining tal-plastik fuq il-hajt ta’ l-entratura u jintrema’ u biex isiru wkoll xoghlijiet fuq il-hajt (li issa gie espost) peress illi kien tmermer bl-umdita’;
f. Fil-passagg hemm entratura maghmula mill-konkrit li kien qdiem u tmermer. Dan il-konkrit kellu jerga’ jsir mill-gdid.
g. Jitnehhew imsiemer kif ukoll fixtures ohrajn tal-metall li kienu ilhom hemm u ma kienux uzati.

h. Jergghu jsiru mill-gdid il-lavuri fuq il-hajt tal-genb li kienu tmermru; jitwahhal smart board tal-gibs biex jitghatta l-hajt.
i. Jitpoggew boards tal-gipsum fuq is-soqfa.
j. Kisi tal-gibs fuq il-hitan ta' hdejn il-lift u l-hitan li kienu esposti kif ukoll xoghol fuq il-lavuri;
k. Tibjid ta' kollox hawn fuq imsemmi;
l. Affarijiet zghar li jkunu nqalghu waqt li qed isir ix-xoghol.

Meta x-xhud ipprezenta l-ewwel proposta lir-residenti biex jaraw li qablu max-xoghlijiet u mal-istimi li tahom kienu ltaqghu fl-appartament tas-Sur Vassallo, kif dejjem ghamlu. Huwa jiftakar li kulhadd qabel mal-proposta tieghu, izda s-Sur Vassallo xtaq illi jsiru xi varjazzjonijiet zghar. Dakinhar ir-residenti kollha ffirmaw il-proposta b'turija li kienu jaqblu maghha, hlief ghas-Sur Vassallo li ffirma l-proposta gurnata ohra wara li ftehmu x-xhud u s-Sur Vassallo fuq certu varjazzjonijiet li kien talab. Dan jirrizulta mid-dokumenti MTGF 1 u MTGF 2. Dan ix-xoghol beda ghall-habta ta' Awwissu u Settembru 2012.

Ix-xhud kompla jispjega li wara li sar l-ewwel ftehim, ir-residenti avvicinawh sabiex jestendu l-iskop tax-xoghol ghar-rinovazzjoni tal-faccata kollha tal-blokk. Dan kien ghall-habta ta' Marzu tal-2012. Huwa xtaq illi jkollhom ftehim wiehed ghax-xoghlijiet ta' gewwa u ftehim iehor ghal dawk ta' barra. Ghalhekk meta pprepara t-tieni ftehim, irreplika dawk ix-xoghlijiet ta' 'barra' li kien hemm taht l-ewwel ftehim u poggihom taht it-tieni wiehed. Ghalhekk ix-xoghlijiet kollha li ftehmu li jsiru fuq in-naha ta' barra taht it-tieni proposta kienu dawn li gejjin:

a. Xoghol ta' tiswija u kisi fuq il-hajt fejn kien inqasam u setghat tidhol l-ilma;

b. Tiswija fuq il-lavur (mouldings) li kienu ttieklu tkissru jew sparixxew bl-umdita' u l-melh tal-ilma tal-bahar;
c. Xoghol ta' gebel u kisi fuq il-bicciet tal-hajt li kienu tmermru;
d. Jittella l-iscaffolding;
e. Titnehha z-zebgha li kien hemm u jitbaqqan il-hajt;
f. Zewg kisjiet tal-hitan bir-ramel u cement / GR1000;
g. Undercoat taz-zebgha;
h. Kisi tal-hajt kollu bil-graffiato;
i. Affarijiet zghar li jkunu nqalghu waqt li qed isir ix-xoghol.

Huwa sostna li r-residenti kienu kollha qablu mal-proposta, tant illi kollha, hlief Sam Cassar kienu ffirmaw il-proposta b'turija tal-ftehim taghhom (Dok. MTGF 3 sa MTGF 6). Huwa specifika li ghalkemm Sam Cassar ma ffirmax il-proposta hu xorta wahda kien ftiehem li huwa ghandu jaghmel ix-xoghol in kwistjoni skont din it-tieni proposta. Fil-fatt hu ghamel il-hlasijiet akkont ix-xoghlijiet li saru skont it-tieni proposta.

Rigward it-tieliet proposta, ix-xhud spjega wkoll li fis-sajf tas-sena 2012, ir-residenti qabduh jaghmel xoghol iehor ghaliex xtaqu li jsiru xoghlijiet fuq ix-shafts, it-tromba tat-tarag kollha u l-parti tal-intern tal-komun tal-bejt (ara Dok. MTGF 7). Fit-tielet proposta huwa kien qassam ix-xoghlijiet bejn ix-shaft intern billi kellu jitbaqqan il-hajt, jinghataw zewg passati ta' GR 1000, jinghataw zewg passati zebgha, l-apparat mehtieg biex isir ix-xoghol; kif ukoll ix-xoghol li kien hemm bzonn li jsir fit-tromba tat-tarag kif ukoll fil-parti intern tal-komun tal-bejt u cioe' jitbaqqnu l-hitan, zewg passati bil-gibs u zewg passati zebgha. Huwa spjega li r-residenti kollha hlief ghal Anne Marie Muscat kienu ffirmaw il-proposta li tahom fuq l-anness stima tax-xoghlijiet (ara Dok. "MTGF 7"). Pero' r-residenti kollha, inkluz Anne Marie Muscat kienu qablu max-xoghlijiet

ghalkemm Anne Marie Muscat ma ffirmatx it-tielet proposta. Huwa stqarr illi kienu saru wkoll xi pagamenti ghal dan ix-xoghol.

Ix-xhud ikkonferma illi fi skrittura qatt ma specifikaw il-mod kif kellu jithallas u dan ghax ir-relazzjoni tieghu mar-residenti kienet pjuttost informali. Huwa fil-bidu kien qalilhom li xtaq jithallas f'pagamenti mqassmin fi tlieta u r-residenti qatt ma spremew ebda oggezzjoni. Filfatt kull resident kien jaghmel diversi pagamenti akkont tax-xoghol li gie mqabbad jaghmel taht kull proposta izda wara ftit il-hlasijiet bdew isiru sporadici. Fl-affidavit tieghu x-xhud spjega fid-dettall il-pagamenti li saru minn kull resident sa qabel ma nfethu l-proceduri.

Ix-xhud qal ukoll li l-mod kif zviluppat ir-relazzjoni tieghu mar-residenti u l-mod kif kienu jaqblu fuq l-affarijiet kien pjuttost informali. Huwa qatt ma kien jinsisti li dak kollu li jiftehmu dwaru kellu jigi ridott fi ftehim bil-miktub. Sfortunatament sal-ahhar tal-inkarigu tieghu, uhud mir-residenti ma qdewx l-obbligi legali taghhom u ma baqghux ihallsuh ghax-xoghol li ghamel. Ghalhekk huwa kellu jiftah dawn il-proceduri. Ix-xhud specifika li Graziella de Cesare hallset is-sehem taghha kollu ghax-xoghol li kien gie nkarigat jaghmel fil-blokk tal-appartamenti. Addizjonalment fil-mori ta' dawn il-proceduri huwa gie avvicinat minn Kristina u Paul Ellul li hallsu l-bilanc tas-sehem taghhom li kien ghad ghandhom pendenti. Ghalhekk iddikjara li llum-il gurnata huwa m'ghandux iktar pretenzjonijiet fil-konfront ta' Kristina u Paul Ellul u l-ammont li ghad hemm pendenti huwa ta' sebat elef, disa' mija u wiehed u hamsin ewro u disa' u sebghin centezmu (€7,951.79).

**Peter Abela** xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa sar amministratur tal-blokk ta' appartamenti maghruf bhala Brighton Flats, Tower Road, Sliema

f’Novembru tas-sena 2013. Huwa filfatt ma jafx li hemm xi kuntratt ezistenti bejn ir-residenti ta’ dan il-blokk u MTGF Limited. Filfatt ir-residenti tal-blokk Brighton Flats cioe’ l-assocjazzjoni kienu nfurmawh illi kien qed isir minn xi kuntrattur. Pero’ dak iz-zmien ma kienx jaf min hu. Sussegwentement sar jaf li l-kuntrattur kien Michael Trapani Galea. Filfatt kellhom laqgha u r-residenti qalulhom li kien hemm xi ftehim u l-ftehim li kellhom ma kienx gie onorat. Sussegwentement meta huwa tkellem mar-residenti huma tawh kopja tal-kuntratt.

Huwa stqarr li llum m’ghadux amministratur tal-blokk u ghadda l-file lis-Sur Joe Vassallo li dak iz-zmien kien *acting administrator*. Fil-passat kienet Graziella De Cesare, wahda mir-residenti li kienet appuntatu bhala amministratur. Hija kienet qaltlu b’dan il-ftehim u kien qallu wkoll Paul Ellul. Ellul kien qallu affarijiet differenti milli kienet qaltlu Graziella De Cesare. Huwa ddikjara li ma kienx prezenti meta saru dawn it-tliet quotations u m’hemmx il-firma tieghu. Pero’ hemm il-firma tar-residenti l-ohra. Huwa ma jafx li Joe Vassallo kien iffirma l-ftehim ma’ MTGF Limited. Sam Cassar jahseb li kellu ftehim ghax filfatt anke ghaddielu xi pagamenti. Sam Cassar fil-fehma tieghu huwa wiehed mill-ex-owners tal-blokk. Veduta Estates Limited filfatt ghandha appartament f’dan il-blokk, ufficcju u jaf illi kien hemm xi dizgwit bejn Trapani Galea u r-residenti u huwa offra lil Michael Trapani Galea biex imur biex jipprovaw jaslu ghal xi ftehim. Meta huwa mar bil-lista kien sab illi Sam Cassar kien hallas aktar milli kien dovut. Meta x-xhud kien qal lil Michael Trapani Galea, dan qallu li nesa li nizzel dak il-pagament fl-ammont ta’ xi ftit ‘il fuq minn elf ewro u meta huwa mar jitkellem mal-Veduta Estates qalulu li huma kienu lesti li jhallsu xi affarijiet rigward il-komun b’riserva ghax filfatt hasset li ma kellhiex thallas daqshekk anke rigward xi xoghol li kellu jsir fuq il-faccata. Filfatt fil-kont kien hemm imdahhlin xi hlasijiet ta’ xoghol li ma sarx.

Ix-xhud stqarr illi huwa mhux residenti fil-blokk. Filfatt meta harget l-ingunzjoni fil-konfront tieghu huwa kien diga' rrizenja mill-kariga tieghu ta' amministratur u huwa filfatt m'ghandu x'jaqsam xejn mal-blokk Brighton Court. Huwa ma kienx registrat mad-dipartiment u dan ghax kien hemm dizgwit bejn ir-residenti. Id-dokumentazzjoni harget mis-socjeta' MTGF f'isem Graziella De Cesare ghan-nom tal-assocjazzjoni ta' Brighton Flats. Huwa ma jafx xi ftehim kien hemm u min kien prezenti ghall-ftehim ghax ma kienx hemm zgur. Sa fejn jaf hu, De Cesare ghandha wiehed mill-appartamenti fil-blokk u naturalment ghandha sehem mill-komun ukoll.

**Paul Ellul** xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa wiehed mis-sidien tal-appartamenti fi Brighton Court, u cioe' appartament numru 5. Huwa jaf illi s-socjeta' MTGF Limited kienet qed taghmel xi xoghlijiet fi Brighton Flats fuq il-faccata kif ukoll fil-*common area*. Meta sar il-kuntratt bejn MTGF Limited u r-residenti kien hemm prezenti mart ix-xhud Tina Ellul. Filfatt ghamel referenza ghal Dokument MTGF 1 fejn hemm il-firma tal-mara tieghu K. Ellul. Fuq dokument MTGF 3 hemm il-firma tieghu Paul Ellul. B'referenza ghad-dokument MTGF 7 esebit fl-atti u proprjament mal-*excel sheet* qal li hemm il-firma tieghu wkoll. Ix-xhud iffirma din id-dokumentazzjoni bhala wiehed mis-sidien tal-flats tal-blokk u naturalment huwa kien qed japprova x-xoghlijiet li kienu qed isiru f'dan il-blokk.

Mistoqsi jekk huwa ghamilx xi hlasijiet qal li filfatt ghamel. Saritlu referenza ghal dokument MTGF 11 u qal li effettivament dawn huma tliet cekkijiet mahruga mill-mara tieghu u hemm zewg cekkijiet mahruga minnu direttament. Mistoqsi jekk huwa ghamilx xi pagamenti ohra lis-socjeta' MTGF Limited dwar il-mertu

tal-kawza odjerna qal illi ghar-ragunijiet ta' sahha huwa u martu ddecidew li ma jibqghux fil-kawza u ghalhekk ghamel kuntatt dirett ma' Mr Trapani Galea u staqsieh kemm kien is-sehem tieghu. Filfatt Mr Trapani Galea qallu kemm kien l-ammont u x-xhud hallsu ghas-saldu ta' kull pretensjoni u ghalhekk iddikjara li huwa m'ghandux ammonti pendenti fil-konfront ta' dan l-attur.

Ix-xhud kompla jixhed in kontro-ezami fejn iddikjara li sa fejn jaf hu x-xoghol li sar f'dan il-blokk kien jikkoncerna lil kulhadd, kull persuna li ghandu proprjeta' fil-blokk. Huwa m'ghandux bitha nterna u ghalhekk ma sar l-ebda xoghol fil-btiehi tieghu. Pero' kkonferma li ghandu shaft li jibda mill-parti ta' fuq tal-blokk s'isfel.

**Sam Cassar** xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 bil-lingwa Ingliza fejn iddikjara li l-appartament numru 3 fil-blokk Brighton Court kellu tliet sidien u huwa jigi t-tifel ta' wiehed minn dawn is-sidien. Huwa ghamel zmien jghix f'dan l-appartament. Dawn it-tliet sidien huma Gregory Cassar, Paul Cassar u Matthew Cassar li huma ahwa. Huma kollha kienu kkontribwixxew ghall-partijiet komuni u l-ispejjez. Ix-xhud kien tkellem maghhom qabel ma' dahal fil-kuntratt mas-socjeta' attrici. It-tliet sidien jghixu l-Ingilterra izda tawh il-kunsens sabiex ix-xhud jiffirma d-dokumentazzjoni relattiva ta' dan ix-xoghol. Huwa filfatt gharaf il-firma tieghu f'Dokument MTGF1. Huwa stqarr illi ma kienx iffirma d-dokument rigward ix-xoghol li sar fil-faccata tal-blokk ghalkemm huwa kien ta l-awtorizzazzjoni biex isir dan ix-xoghol.

Ix-xhud gie muri dokument MTGF 7 li jinsab ezebit fl-atti. Huwa gharaf il-firma tieghu f'dan id-dokument u huwa kien iffirma wara li kien gie awtorizzat mis-sidien biex jaghmel dan. Mistoqsi jekk ghamilx xi pagamenti relatati max-xoghol

wiegeb li iva, is-sidien kienu ttransferewlu l-flus u huwa ghamel il-bank transfers. Huwa esebixxa dokument li gie mmarkat bhala Dokument SC li hija lista tal-pagamenti li ghamel u esebixxa dokument iehor Dok. SC1 dwar pagamenti li huma mitluba mis-socjeta’ attrici. Huwa spjega li hallas il-parti tieghu dwar l-ispiza li tinvolvi l-hanut. Ix-xhud jahseb li l-flat fis-sular t’isfel biss ghandu l-access ghax-shaft. Pero’ sa fejn jaf ix-xhud is-sidien kollha tal-blokk ghandhom access ghall-bejt.

**Ann Marie Muscat** xehdet fit-8 ta’ Ottubru 2014 fejn iddikjarat li hija qed tixhed ghan-nom u in rapprezentanza ta’ Veduta Estates Limited. Hija spjegat illi s-socjeta’ Veduta Estates ghandha ufficcju *ground floor* fil-blokk Brighton Court u hija ghandha wkoll appartament fuq wara u l-faccata tat-triq ma taffettwax il-flat taghha. Hija tokkupa l-kariga ta’ *personal assistant* tac-Chairman. Filfatt hija tiehu hsieb il-kumpanija. Ix-xhud giet murija dokument esebit f’dawn l-atti mmarkat bhala dokument MTGF 1 u spjegat illi fuq dan id-dokument hemm il-firma taghha.

Ix-xhud stqarret illi l-kuntatt taghha kien dirett ma’ Graziella De Cesare u qatt ma tkellmet mas-socjeta’ MTGF Limited. Hija kienet taghtiha d-dokumentazzjoni biex ix-xhud tiffirmahom biex isiru x-xoghlijiet. Filfatt qalet illi Graziella De Cesare kienet tiehu hsieb hi u kienet tigi ghall-firem u sa fejn taf hi kienet iddur ir-residenti kollha u huma kienu jiffirmaw id-dokumentazzjoni li taghtihom. Ix-xhud spjegat li filfatt kienet marret Graziella De Cesare l-ufficcju taghha meta ffirmat id-dokument MTGF 1. Ix-xhud iddikjarat li hija qatt ma ltaqghat ma’ Michael Trapani Galea Feriol fuq din il-kwistjoni. Lanqas taf min hu. Hija giet murija Dokument MTGF 5 u proprjament it-tieni folio tieghu u hawnhekk hemm il-firma taghha ghan-nom tas-socjeta’ Veduta Estates. Id-Dokument MTGF 7

huwa excel sheet u fuq din l-excel sheet m'hemmx il-firma taghha. Hija kienet taf li kien ghaddej ix-xoghol ghax ghandha l-ufficcju hemmhekk pero' mhix residenti fil-blokk u kienu jinfurmawha kif kienu sejrin ix-xoghlijiet. Hija esebiet kopja tal-kuntratt ta' akkwist tal-flat u qalet illi m'ghandhiex access ghall-bejt. F'dokument MTGF 8 hemm tliet cekkijiet mahruga mis-socjeta' Med Track Limited u spjegat illi dawn huma ffirmati minnha u dawn hargu biex jaghmlu tajjeb ghax-xoghlijiet li kienu qed isiru minn Michael Trapani Galea.

**Joseph Vassallo** xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjara li huwa sid ta' appartament fl-ewwel sular. Huwa gie muri Dokument MTGF 2 u mistoqsi jekk jaghrafx l-email in kwistjoni qal illi hemm il-firma tieghu fuqu. Huwa qal pero' li meta s-Sur Trapani Galea kien ser jibda bix-xoghol huwa ma kienx iffirma ghax ma kienx qabel u qal illi huwa ma qabilx ghax ma ghogbux kif kien se jahdem pero' kellu jikkopera ghax qalu illi l-maggoranza tirbah. Ikkonferma li fuq id-Dokument MTGF 2 hemm il-firma tieghu. Mistoqsi jekk hix il-firma tieghu fuq id-dokument MTGF 4 qal illi fil-prezent jinsab bla nuccali u ma jistax jaqra. Jista' jkun li huwa ffirma xi ftehim dwar ix-xoghol li kellu jsir fil-faccata. Ix-xhud gie muri dokument MTGF 7 u gharaf il-firma tieghu. Huwa gie muri dokument MTGF 9 li huwa *photo images* ta' zewg cekkijiet. Filfatt hija l-firma tieghu u sa fejn jaf hu hallsuh ta' kollox.

**Graziella Decesare** xehdet fid-19 ta' Novembru 2014 fejn ikkonfermat illi hija ghandha flat gewwa l-blokk ta' appartamenti maghruf bhala Brighton Court Flats, Tower Road, Sliema. Hija giet murija d-dokument li hu ezebit fl-atti mmarkat bhala dokument MTGF a fol 32 tal-process u qal li dan huwa l-kuntratt illi r-residenti ta' Brighton Flats ghamlu ma' Michael Trapani Galea Feriol u qal illi r-residenti kollha tal-blokk dahlu f'dan il-ftehim. Hija giet murija dokument

MTGF 3 a fol 49 tal-process u qalet illi dan huwa ftehim iehor fejn ir-residenti kollha ta' Brighton Flats dahlu fih ukoll. Dan japplika wkoll rigwardanti l-ftehim MTGF 7 esebit fl-atti a fol 62.

Hija spjegat illi kienu ilhom zmien jipprovaw jirrangaw l-entratura tal-Block Flats, Tower Road, Sliema. Filfatt kien hemm hafna *leaks* u ilhom jipprovaw jirrangaw il-bejt u l-faccata tal-istess blokk. Ix-xhud stqarret illi ghall-ewwel kien hemm diversi ntoppi bejniethom izda wara certu zmien iddecidew b'dak li kienu se jaghmlu u qalet illi l-entratura ta' dan il-blokk ta' appartamenti kien dizastruz u ghalhekk kien hemm bzonn ta' facelift. Iddecidew li kulhadd kellu jigi fuq stima u qalet illi hija diga' kellha x'taqsam ma' Michael Trapani Galea fuq xoghol iehor u dehrilha li x-xoghol tieghu kien sew u ghalhekk avvicinatu biex jaghtihom stima hu. Effettivament qalet illi kien mar fuq il-post, ra dak li kellu jsir u kien ghamlilhom l-istima relattiva. Hija qalet illi effettivament kien hemm xi drabi wkoll meta l-konvenuti u Michael kienu prezenti u Michael Trapani Galea kien hadilhom ukoll xi samples tal-materjal li kien ser juza u fl-ahhar iddecidew li kellhom jaghzlu lil Michael. Pero' taf li Mr. Vassallo kellu xi reservations b'mod partikolari ghal xi soffitti u xtaq jiltaqa' hu direttament ma' Michael. Hija taf li ltaqghu u taf li hadu xi decizjoni dwar xi kambjamenti.

Ix-xhud filfatt kienet baghtet email lil kulhadd u ndikat li ma kellhiex oggezzjoni ghal dan it-tibdil u sa fejn taf hi kulhadd accetta. Hija taf illi qabel ma beda x-xoghol tiftakar illi r-residenti kollha kienu ltaqghu ma' Michael fuq is-sit u ghaddew minn bejt s'isfel biex jiddiskutu proprju dak li kien ha jsir fil-faccata, fix-shaft u l-entratura. Fil-frattemp spjegat li kien hemm skambjamenti ta' emails. L-ewwel kuntratt kien dwar il-*ground floor*. Meta waslu biex jaghmlu l-faccata kienu ftehmu wkoll li kulhadd kellu jgib stima. Hija taf illi Mr. Vassallo xtaq jiehu

l-kuntrattur tieghu, stennew ghal certu zmien pero' qatt ma mar. Michael baghat l-istima tieghu ghal faccata u accettaw din l-istima.

Ix-xhud esebiet korrespondenza li ghaddiet bejniethom li l-Qorti mmarkat bhala Dokument GD. Hija esebiet ukoll kopja tal-minuti li gew immarkati bhala Dokument GD1 rigwardanti s-seduta li nzammet fid-9 ta' Frar 2012. Mistoqsi jekk ratx xi stimi ta' terzi persuni qalet illi ma tiftakarx. M'huwiex minnu dak li gie suggerit lilha li kienet hi li ftehmet ma' Michael Trapani. Kienet hi li ressqitu. Hija spjegat illi effettivament kulhadd mir-residenti kien tkellem ma' Michael kif effettivament jirrizulta mill-minuti li ezebiet. Ix-xhud taf li sahansitra kienu anke ltaqghu go appartament ta' resident iehor mhux taghha flimkien ma' Michael. Mistoqsija min kien prezenti apparti hi u Michael wiegbet li sa fejn taf hi r-residenti kollha. Hija uriet l-istima lil kulhadd u kulhadd qabel maghha. Ix-xhud kienet qalet lil Michael illi r-residenti l-ohra kienu accettaw l-istima tieghu u qalilha li ahjar jiffirmaw il-karta. Sahansitra meta Michael kien mar bis-samples ukoll kienu prezenti u ghogbu l-materja li urihom dan Michael u kien ghalhekk li waslu ghal dan il-ftehim.

Rat illi fil-15 ta' Jannar 2015 (fol 117) is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' cessjoni fil-konfront tal-konvenuta Ethel Bonello stante transazzjoni.

Rat in-nota ta' Joseph Vassallo li giet ipprezentata fl-4 ta' Marzu 2015 li permezz taghha esebixxa affidavit tieghu stess.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Vassallo** fejn iddikjara li huwa sid l-appartament numru 2 li jinsab fit-tieni sular (first floor), Brighton Flats, Triq it-Torri, Sliema. Huwa

spjega li flimkien mas-sidien tal-appartamenti l-ohra kienu ftehmu li jaghmlu xi xoghlijiet fil-partijiet komuni u xi partijiet tal-appartamenti ndividwali. Huma kienu qablu li kull wiehed ihallas is-sehem tieghu fis-sens li jhallas sehemu mix-xogholijiet li jolqtu l-appartament tieghu.

Huwa qal li Graziella Decesare minn jeddha kienet qabdet lil Michael Trapani ghax kien ghamlilha xi xoghol qabel u gabet kwotazzjoni ghal diversi xoghlijiet. Numru ta’ sidien kienu ffirmaw il-kwotazzjonijiet biex juru li jaqblu maghhom. Ix-xhud ma ffirmax ghax ma kienx cert jekk jaqbilx ma’ dak li kien qed jigi propost. Huwa jahdem fix-xoghol ta’ kostruzzjoni u ghalhekk jaghraf ix-xoghol tajjeb minn dak hazin.

Ix-xhud spjega li Michael Trapani kien gie nkarigat biex jaghmel ix-xoghlijiet tal-faccata, *internal shaft* u *internal stairwell*. Dawn ix-xoghol filfatt saru u kull sid kien hallas is-sehem tieghu. Huwa stqarr illi ghalkemm ma kienx iffirma l-kwotazzjoni, ix-xoghol li kien sar sa dakinhar accettah u hallas sehmu kollu nhar it-30 ta’ Jannar, 2013. Ix-xhud spjega li qabel ma kien accetta li jhallas kien qabbad lil certu Felice Mifsud li huwa *project manager* li jahdem mieghu u sab li f’kont ta’ madwar ghoxrin elf ewro (€20,000) kien hemm zball ta’ hamest elef ewro (€5,000) favur Trapani. Ghalhekk cemplulu mar l-ufficju u wara li spjegalu Felice Mifsud, tah ir-ragun u naqqas il-kont (email mehmuz mal-affidavit datat 14 ta’ Frar, 2013).

Sussegwentement kien hemm kont iehor fuq xoghol tal-intrata li kien ghadu kemm beda. Ix-xhud stqarr illi ma jiehux gost ihallas bil-quddiem. Huwa jippreferi li jhallas meta’ jara li x-xoghol ikun tlesta u gie tajjeb. Filfatt kien talabhom ihallsu tlett elef (€3,000) u huma accettaw li jaghtuhomlu ghalkemm

fil-verita' nofshom biss kienu ta' xoghol lest. Huwa jiftakar li fl-10 ta' Settembru 2013 kienu marru l-haddiema ta' Caprice Limited u wahhlu l-bieb tal-hgieg tal-intrata u sabu li x-xoghol tal-intrata kien hazin ukoll ghax ma kienx vertikali kif suppost kellu jkun. Ix-xhud sostna li huma hallsu l-flus ghal xoghol li qatt ma sar u ghal xoghol li sar hazin. Tenna li l-kwotazzjoni tal-intrata kienet fl-ammont ta' elfejn, sitt mija u erbghin ewro (€2,640).

Huwa wara li beda x-xoghol ta' l-irham, ix-xhud induna mill-ewwel li kien qed isir hazin. Filfatt gibidulu l-attenzjoni u qalulu li ma riduhx ikompli. Trapani bil-kelma kien accetta li jieqaf u ma jkomplix izda pero' kompla x-xoghol tal-irham minn jeddu. Ix-xhud sostna li kienu qabbdu lill-Perit Ruben Sciortino li kien jaf ukoll lil Michael Trapani fejn kien ghamel hiltu kollha biex jirranga d-difetti izda Michael Trapani baqa' jirrifjuta. Fil-15 ta' Lulju, 2013 il-Perit Sciortino kien hareg rapport dwar ix-xoghol fejn ikkonferma li x-xoghol tal-irham kien qed isir hazin (rapport jinsab anness mal-affidavit).

Ix-xhud iddikjara li la darba huma waqqfuh mix-xoghol, huwa ma kellux jerga' jkompli. Spjega li hemm kont zghir ta' scaffolding fejn intuza ghall-gallarijiet u sehemu huwa biss xi wahda minn hamsa u ghoxrin. Dan avolja ma kienx hemm ftehim max-xhud dwaru huwa jinsab lest li jhallas wahda minn kull hamsa u ghoxrin parti. Mill-bqija ddikjara li m'ghandux x'jaqsam ma' scaffolding partikolarment fejn intuza ghal bdil ta' gallarijiet ghax ma bidlux il-gallarija tieghu. Ix-xhud tenna li huwa hallas lil Michael Trapani l-ammont ta' hames mitt ewro (€500) ghalxejn ghall-intrata jigifieri kien hallas 1/6 ta' tlett elef ewro (€3,000).

Rat in-nota tas-socjeta’ attrici MTGF Limited li gietipprezentata fir-Registru tal-Qorti nhar l-4 ta’ Marzu 2015 li permezz taghha cediet il-kawza fil-konfront tal-intimat Sam Cassar biss stante transazzjoni u dan minghajr pregudizzju ghal pretensjonijiet kollha taghha kontra l-intimati l-ohra.

**Annmarie Muscat Fenech Adami** xehdet nhar it-3 ta’ Gunju 2015 ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta’ konvenuta Veduta Estates Limited. Din qalet illi l-appartament taghhom jinsab fl-istess blokk ta’ appartamenti maghruf bhala Brighton Flats u li proprjament huma m’ghandhomx x’jaqsmu mal-faccata. Skond hi m’ghandhiexx x’taqsam ma’ maintanence ta’ balavostri ta’ gallariji u affarijiet bhal dawn ghalkemm temmen li xorta ghandha tikkontribwixxi ghat-tibjid tal-faccata. Spjegat li tghid hekk ghaliex il-gallariji mhumiex taghhom. Ikkonfermat li tikkontribwixxi ghat-tibjid tal-faccata u tal-komun u tghid li filfatt il-ftehim kien illi hija kellha tikkontribwixxi ghall-ispejjez tal-iscaffolding ghal perjodu ta’ xahar biss. Dan ghaliex it-tibjid kien programmat li jiehu perjodu ta’ xahar. Pero’ kien hemm xi problemi ghaliex effettivament kien hemm xi balavostri li kellhom jissewwew. Taf li dahal ukoll xi perit u ghalhekk il-kwistjoni damet u ghalhekk ma hassitx li kellha thallas ghal dan id-dewmien. Mistoqsija jekk effettivament hallsitx sehemha tghid tikkonferma li hallset u esebiet ricevuti tal-hlas li ghamlet li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument VE1 u VE2 u ghalhekk fil-fehma taghha llum-il gurnata m’ghandha taghti xejn lill-atturi. Ziedet ukoll li effettivament kellu jsir xi xoghol internament fil-bitha u fix-shaft li hemm, pero’ dawn ma sarux.

**Il-konvenut Peter Abela** xehed nhar it-3 ta’ Gunju 2015 fejn iddikjara li huwa kien jokkupa l-kariga tal-amministratur tal-blokk tal-appartamenti maghrufa bl-isem ta’ Brighton Flats li jinsabu Tower Road Sliema. Mistoqsi jekk qattx iffirma

xi ftehim mas-Sur Trapani jghid illi ftehim qatt ma ffirma. Mistoqsi jekk kienx involut f'xi negozjati mas-sur Trapani jghid li ma kienx involut. Lanqas ma kien amministratur fi zmien meta' Michael Trapani Galea Ferjol kien gie mqabbad jaghmel xi xoghol. Mistoqsi x'kien l-involviment tieghu u ghaliex illum-il gurnata jinsab bhala konvenut, jghid illi ma jafx. Jghid li meta effettivament kient imqabbad bhala amministratur, effettivament ma kien hemm xejn x'jamministra ghaliex il-komun ta' dan il-blokk ta' appartamenti kien rebus. Mistoqsi mill-Qorti jekk ix-xoghlijiet maghmula minn Michael Trapani Galea Ferjol kienux gia saru jghid li effettivament kienu qed isiru dak iz-zmien meta kien gie nominat. Pero' zied li hu fl-ebda mod u fl-ebda hin ma ndahal fix-xoghlijiet, jew kellu x'jaqsam mal-istess Michael Trapani Galea Ferjol fuq l-istess. Jaf li pero' in segwitu kien gie mitlub minn certu Graziella de Cesare sabiex jigbor xi hlasijiet, u meta beda jaghmel dan sab li kien hemm xi sidien ta' appartamenti li kienu gia ghamlu l-pagament dovut u filfatt is-Sinjura Muscat Fenech Adami kienet qaltlu li fil-fehma taghha kienet hallset ta' kull ma kien dovut minnha. Kompla li kienu baghtuh ikellem lill-proprjetarju tal-ground floor li jinsab fuq in-naha tal-lemin ta' dan il-blokk. Jghid li dan qallu li ma kien jaf xejn u ghalhekk ma kienx lest li jhallas. Sussegwentement tkellem ma' Sam Cassar u qallu li kien baqaghlu jaghti xi bilanc, pero' dan qallu li kien baghat xi bank draft ta' xi hdax-il mija w fil-fehma tieghu kien qieghed over. Ghalhekk in segwitu' kien cempelt lil Michael Trapani biex jghidlu dak li kien qallu Sam Cassar. Qal li fil-fatt kien qallu li kien nesa jindikaha. Hawnhekk Beda jara li kien hemm dizgwid bejn is-sidien. Kien hemm uhud illi hallsu, ohrajn li ma riedux ihallsu. Anzi qal illi hadd ma qallu li ma riedx ihallas. Ikkonferma li kien gie appuntat bhala amministratur ta' dan il-blokk ta' appartamenti f'Novembru tas-sena 2013, pero' mhux cert mid-data ezatta, jaf li fil-fatt ix-xogholijiet in kwistjoni kienu kwazi lesti.

Xehed li suppost kellu jirrizenja f'Novembru tas-sena 2014 pero' meta ra li kien hemm rieda tajba bejniethom estenda sa Frar tas-sena 2015. Mistoqsi jekk qatt attendiex xi 'meetings' jghid li fil-fatt meetings attenda pero' qatt m'attenda meeting fejn kienu jitkellmu fuq il-progett per se. Jghid li hu ma kienx registrat bhala amministratur u dan ghaliex ma kienx hemm bizzejjed firem, pero' kkonferma li kien ircieva pagament ta' amministratur. Insista pero' li ma kien hemm xejn x'tamministra peress li kien hemm dan id-dizgwid. Mistoqsi jekk tax il-flus lura, jghid li le, izda effettivament il-flus kien ghaddiehom lill-karita' ghaliex in segwitu kien dahal bhala medjatur aktar milli amministratur. Ghalhekk iddecieda li jestendi f'Novembru meta ra li kien hemm kunsens bejn il-girien. Spjega li l-medjazzjoni tieghu ma kinitx ma' Trapani Galea izda ma' Graziella De Cesare u l-erba' konvenuti l-ohra. Jghid li ghall-ewwel il-konvenut Joe Vassallo m'accettahx u ghalhekk hu kien talabhom biex ituh cans biex jezercita' xi dritt jew ikellimhom fuq xi haga, wara li kien thallas. Bdew jiddiskutu l-affarijiet u bdew jimxu pero', mhux dwar affarijiet li jikkoncernaw il-progett. Jinsisti li l-uniku kuntatt li kellu ma' Michael Galea Trapani kien fuq istruzzjoni minghand Graziella de Cesare sabiex jigborlu l-flus biss, cioe' min kien hallas, min ma kienx hallas, min effettivament hass li ma kellux ihallas ta' dan ix-xoghol. Pero' jtenni li effettivament hadd ma qallu li ma riedx ihallas.

Semghet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u dan fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2015 u jitolbu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza taghha preliminari fuq din l-eccezzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi ghalhekk din is-sentenza hija limitata fuq il-kwistjoni jekk kienx hemm relazzjoni guridika bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenuti Joseph Vassallo, is-Sinjura Fenech Adami ghas-socjeta’ Veduta Estates Limited u Peter Abela stante li fil-mori tal-kawza l-atti gew ceduti fil-konfront tal-konvenuti l-ohra.

B’relazzjoni guridika wiehed necessarjament jifhem l-ezistenza ta’ rapport bejn zewg partijiet in virtu ta’ liema l-wiehed, kreditur, ghandu d-dritt jippretendi minghand l-iehor, id-debitur, li dan jissodisfa l-obbligazzjoni tieghu.

Obbligazzjoni din li tista’ tkun wahda kemm “*di dare*” jew “*di fare*” jew “*di non fare*”. Tali rapport obbligatorju jista’ jkun wiehed f’ sens strett u jista’ jkun jkollu wkoll dimensjoni aktar wiesgha;

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet ‘**Frankie Refalo et vs Jason Azzopardi et**’, deciza nhar l-hamsa (5) t’Ottubru 2001 mill-Qorti tal-Appell dwar l-istitut tal-legittimu kontradittur. Dik l-Qorti sostniet li:

*“Biex jigi stabilit jekk parti in kawza kienetx jew le legittimu kontradittrici tal-parti l-ohra, l-Qorti trid bilfors tivverifika prima facie jekk il-persuna citata fil-gudizzju, kienetx materjalment parti fin-negozju li, skond l-attur, holoq ir-relazzjoni guridika li minnha twieldet l-azzjoni fit-termini proposti.*

*Jekk dan in-ness jigi stabbilit, il-persuna citata setghet titqies li kienet persuna idoneja biex tirrispondi ghat-talbiet attrici, inkwantu dawn ikunu jaddebitawlha bbligazzjoni li kienet mitluba tissodisfa dan inkwantu il-premessi ghaliha, jekk*

*provati, setghu iwasslu ghall-kundanna mitluba f'kaz li jinstab li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-ligi x'jopponi ghaliha. Dan, naturalment ma jfissirx li jekk il-Qorti tiddeciedi li l-konvenut kien gie sewwa citat inkwantu jkun stabbilit li l-interess guridiku tieghu fil-mertu kif propost mill-attur illi hu kellu necessarjament ikun finalment tenut bhala l-persuna responsabbli biex tirrispondi ghat-talbiet attrici kif proposti, kif lanqas ifisser li l-istess konvenut ma jkollux eccezzjonijiet validi fil-mertu, fosthom dik li t-talbiet attrici kellhom fil-fatt ikunu diretti lejn haddiehor ukoll inkwantu dan ikun involut fl-istess negozju u li allura seta' jigi wkoll citat bhala legittimu kontradittur fil-kawza.*

*Id-dikjarazzjoni tal-Qorti li parti 'n kawza tkun legittimu kontradittur lanqas ma kienet tfisser li l-Qorti ma setghetx, fil-konsiderazzjoni taleccezzjonijiet opposti ghat-talbiet, tasal ghall-konkluzzjoni li l-konvenut - dikjarat prima facie legittimu kontradittur - kien wara t-trattazzjoni tal-kawza jirrizulta ghal kollox estranju ghar-responsabilitajiet lilu addebitati mill-attur fl-azzjoni minnu tentata".*

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet ghamlet xi xoghol ta' appalt u interior design fil-blokk appartamenti Brighton Flats, Tower Road Sliema. Jidher li kienet Graizella Decesare li ssugeriet li titqabbad is-socjeta' attrici sabiex ix-xoghol li kien hemm bzonn isir. In segwitu Michael Trapani Galea Feriol ghan-nom tas-socjeta' attrici kien iltaqa' ma' numru ta' residenti u dan fl-appartament tal-konvenut Joseph Vassallo sabiex jitkelmu fuq il-progett li kien previst. Spjega illi l-konvenut Joseph Vassallo kien jokkupa l-appartament fl-ewwel sular, is-socjeta' Veduta Estates Limited kienet tokkupa l-hanut li kien hemm tat-terran filwaqt li Peter Abela rrizulta li kien gie mqabbad bhala amministratur wara li kien diga' beda il-progett u kienu tlestew hafna mix-xoghlijiet previsti. Is-Sur Trapani Galea Feriol jghid li kien ipprepara tlett

proposti peress li x-xoghol beda jizdied manmano li kien qed isir. Esebixxa flimkien mal-affidavit tieghu dokumenti li gew immarkati minn Dok MTFG 1 sa Dok MTFG 6 li jinsabu esebiti a fol. 32 et seq tal-process. Fost dawn id-dokumenti kien hemm tlieta li kienu ftehim dwar in-natura tax-xoghol li kellu jsir u l-hlas li kellu jkun hemm ghal dan l-istess xoghol. Jinghad li dawn il-ftehim kienu ffirmati mill-konvenuti Joseph Vassallo (fol. 54) kif ukoll mill-konvenuta s-sinjura Fenech Adami ghan-nom tas-socjeta' Veduta Estates (fol. 57) . Jirrizulta ukoll li hemm xi fotokopji tac-cekkijiet li permezz taghhom l- konvenut Joseph Vassallo ghamel diversi hlasijiet akkont. Ghalhekk m'hemmx dubju li permezz ta' tali dokumenti li ma gewx kontestati mill-konvenuti Vassallo u Fenech Adami f'dan l-istadju jirizulta li kien hemm relazzjoni guridika. Illi f'dan l-istadju mhux qed tigi trattata l-kwistjoni jekk ix-xoghol mertu tal-kawza sarx skond is-sengha u l-arti ghalkemm eccezzjoni f'dan ir-rigward ma hemmx u lanqas jekk ghadx hemm xi pendenzi dovuti lis-socjeta' attrici. Li qed jigi deciz hu biss il-fatt jekk effettivament jezistix relazzjoni bejn is-socjeta' attrici u l-konvenuti imsemmija aktar 'l fuq. Fir-rigward tal-konvenuti Joseph Vassallo u s-sinjura Fenech Adami ghan-nom tas-socjeta' Veduta Estates jirrizulta li hemm relazzjoni guridika.

Fir-rigward tal-konvenut Peter Abela jinghad li dan ma kienx firmatarju tal-ftehim li kien hemm dwar ix-xoghol li kellu jsir. Jirrizulta wkoll li huwa gie appuntat bhala amministratur wara li effettivament kien tlesta x-xoghol u kien indahal biss f'din il-kwistjoni fuq domanda ta' Graziella Decesare sabiex jghin lis-socjeta' attrici tigbor il-flus allegatament dovuti lilha. Lanqas ma jirrizulta li effetivament il-konvenut Peter Abela huwa registrat bhala amministratur u ghalhekk lanqas din l-kariga ma ghandu f'ghajnejn il-ligi stante li l-Condominium Act tipprovdi kif ghandu jigi registrat amministratur skond l-Artikolu 15 tal-Kapitolu 398 tal-Ligijiet ta' Malta, liema provediment ma giex segwit. Ghalhekk l-eccezzjoni fil-konfront tieghu qed tigi milqugha.

**Ghaldaqstant din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni dwar nuqqas ta' relazzjoni guridika fil-konfront ta' Joseph Vassallo u Veduta Estates Limited u ghalhekk tordna li l-proceduri jitkomplew fil-konfront taghhom, tilqa' l-eccezzjoni fil-konfront tal-konvenut Peter Abela u b'hekk tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju.**

**L-ispejjez huma rizervati ghall-gudizzju finali.**

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------